# TWEMMIN FALZ U PRATTIKA FALZA

Meta wieħed jemmen jew jipprattika xi ħaġa fir-reliġjon li mhix fit-Testment miktub il-Ġdid, il-prinċipji Divini kollha li ġejjin japplikkaw immedjatament:

1. Dak li jemmen jew jipprattika ma jkunx **opra tajba**

   "*L-Iskrittura kollha hija mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq. Biex il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imrwawwam* ***għal kull opra tajba***" (2 Timotju 2:16-17).

2. Dak li jemmen u jipprattika ma **jinħtieġ għall-ħajja u t-tjieba**:

   "*Għaliex is-setgħa divina tiegħu tatna kulma* ***jinħtieġ għall-ħajja u għat-tjieba****, permezz tal-għarfa ta' dak li sejħilna għall-glorja u l-virtù*" (2 Pietru 1:3)

3. Dak li jemmen u jipprattika jikkawżah li **ma jkollux lil Alla**:

   "*Min imur aktar 'il quddiem, u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu,* ***m'għandux 'l Alla****. Min jibqa' fit-tagħlim, ta' Kristu, dan għandu 'l Missier u l-Iben*" (2 Ġwanni 9).

4. Dak li jemmen u jipprattika mhuwiex **awtorizzat minn Kristu**:

   "*Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal:* ***L-awtorità kollha*** *hi mogħtija lili fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

   "*U kulma tagħmlu bil-kliem jew bl-għemil,* ***għamlu kollox f'isem Sidna Ġesù****, u roddu ħajr lil Alla u lill-Missier permezz tiegħu*" (Kolossin 3:17).

5. Dak li jemmen u jipprattika ma jistax ikun magħmul **bil-fidi**:

   "*Għax aħna* ***ngħixu bil-fidi****, mhux bil-viżjoni*" (2 Korintin 5:7).

   "*Għax fih (fl-evanġelju) tidher il-ġustizzja ta' Alla,* ***minn fidi għal fidi****: bħalma hu miktub:* ***il-ġust jgħix bil-fidi***" (Rumani 1:16-17).

   "***Il-fidi*** *mela tiġi bis-smigħ; u s-smigħ* ***bil-kelma ta' Alla***" (Rumani 10:17).

   "*Maħbubin, meta kelli ħerqa kbira li niktbilkom fuq is-salvazzjoni tana lkoll,* kien meħtieġ għalija li niktbilkom, u nitlobkom li tissieltu bil-ħeġġa **għall-fidi** mogħtija lill-qaddisin darba għal dejjem" (Ġuda 3).

6. B'dak li jemmen u jipprattika ikun qiegħed imur **aktar 'il quddiem milli hemm miktub**:

   "*U dawn il-ħwejjeġ, ħuti, qiegħed ngħidhom f'tixbiha għalija u għal Apollos minħabba fikom; biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri:* ***Mhux aktar milli hemm miktub****", ħalli ħadd minnkom ma jitkabbar għal wieħed kontra l-ieħor*" (1 Korintin 4:6).

7. Dak li jemmen u jipprattika ma jkunx **skond il-kliem ta' Alla**:

   "*Jekk xi ħadd jitkellem, ħa jitkellem qisu bi* ***kliem Alla****;...*" (1 Pietru 4:11).

8. Dak li jemmen u jipprattika ma jkunx **skond it-tagħlim**:

   "*Għax jien nixhidilhom li huma għandhom ħeġġa għal Alla,* ***iżda mhux skond it-tagħlim***" (Rumani 10:2

9. Dak li jemmen u jipprattika ma jkunx **skond il-mudell** mogħti minn Alla Nnifsu:

   "*Dawn jaqdu s-santwarju li hu xbieha u dell ta' dak tas-sema, skond ma Alla qal lil Mosè meta dan kien wasal biex iwaqqaf it-tabernaklu: "Qis li tagħmel kollox* ***fuq il-mudell*** *li wrejtek fuq il-muntanja*" (Lhud 8:5).

10. Dak li jemmen u jipprattika m'għandux x'jaqsam maż-**żerriegħa** tas-saltna ta' Alla:

    "*Issa l-parabbola hija din:* ***iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla***" (Luqa 8:11).

11. Dak li jemmen u jipprattika mhuwiex **tal-ġustizzja**:

    "*Għax jien ma nistħix mill-evanġelju ta' Kristu: għax hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' kull min jemmen; l-ewwel Lhudi, u tal-Grieg ukoll. Għax* ***fih tidher il-ġustizzja ta' Alla****, minn fidi għal fidi: bħal-ma hu miktub: il-ġust jgħix bil-fidi*" (Rumani 1:16-17).

    "*Ħuti, ix-xewqa ta' qalbi u t-talba tiegħi 'l Alla għal Iżrael huma li jkunu salvati. Għax jien nixhidilhom li huma għandhom ħeġġa għal Alla, iżda mhux skond it-tagħlim. Għax waqt li ma jagħrfux il-ġustizz-ja ta' Alla, u jfittxu li jwettqu l-ġustizzja tagħhom stess, ma joqogħdux għall-****ġustizzja ta' Alla***" (Rumani 10:1-3)

12. Dak li jemmen u jipprattika mhuwiex **skond l-ordni ta' l-appostli** imma skond il-kliem tal-bnedmin:

    "*Aħna smajna li xi wħud min-nies tagħna,* ***mingħajr ebda ordni tagħna*** *(l-appostli) ġew ħawdukom u qallbulkom moħħkom bi kliemhom*" (Atti 15:24).

13. Dak li jemmen u jipprattika **huwa ħażen**:

    "*U mbagħad nistqarrilhom: Jien qatt ma kont nafkom; tbiegħdu minni, intom* ***li tagħmlu l-ħażen***" (Mattew 7:23).

14. Dak li jemmen u jipprattika **huwa tal-bnedmin u mhux ta' Alla**:

    "*Imma għalxejn jagħtuni qima, billi jgħallmu bħala duttrina* ***l-preċetti tal-bnedmin***" (Mattew 15:9).

    "*Araw li ħadd ma jħassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, skond* ***it-tagħlim tal-bnedmin****, u skond l-elementi tad-dinja, u mhux skond Kristu*" (Kolossin 2:8).

15. Dak li jemmen u jipprattika mhuwiex **tal-verità**:

“*Alla Spirtu: u dawk li jqimuh jaħtieġ li jqimuh fl-ispirtu u **fil-verità***” (Ġwanni 4:24).

16. Dak li jemmen u jipprattika huwa **evanġelju ieħor**:

“*Nistgħaġeb kif hekk malajr tbegħidtu minn dak li sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu **għall-evanġelju ieħor**: Mhux għax hemm ieħor; imma hemm x'uħud li qegħdin iħabbtukom, u jridu jaqilbu l-evanġelju ta' Kristu. Iżda kemm jekk aħna jew anġlu mis-sema, ixandrilkom evanġelju ieħor barra minn dak li xandarnielkom aħna, ħa jkun misħut. Bħal ma għidna qabel, hekk narġa' ntenni issa: Jekk xi bniedem ixandrilkom evanġelju ieħor barra minnn dak li ħadtu, ħa jkun misħut*” (Galatin 1:6-9).

17. Dak li jemmen u jipprattika jkun **żieda mal-Kelma ta' Alla**:

“*Għax jiena nixhed lil kull bniedem li jisma' l-kliem tal-profezija ta' dal-ktieb: Jekk xi ħadd **iżid ma' dawn il-ħwejjeġ**, iżidlu Alla l-kastigi li huma miktubin f'dal ktieb: U jekk xi ħadd ineħħi mill-kliem tal-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu sehmu mill-ktieb tal-ħajja, u mill-belt il-qaddisa, u mill-ħwejjeġ li huma miktubin f'dal-ktieb*” (Rivelazzjoni 22:18-19).

“***La żżidu xejn** ma' dak li qiegħed nikkmadnakom, u lanqas tnaqqsu xejn minnu, biex tħarsu l-kmandamenti tal-Mulej, Alla tagħkom, li jien sa nagħtikom*” (Dewteronomju 4:2).